C/2026/3490

1.7.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-każ M.12213 — PIF / ELECTRONIC ARTS)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/3490)

1. Fis-16 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Oak-Eagle AcquireCo, Inc. ("AcquireCo", l-Istati Uniti), ikkontrollata mill-Fond ta' Investiment Pubbliku, ("PIF", l-Arabja Sawdija)

— Electronic Arts Inc. ("EA", l-Istati Uniti).

PIF se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' EA.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— PIF hija l-fond ta' investimenti sovrani tar-Renju tal-Arabja Sawdija. Hija għandha investimenti diretti u indiretti f'għadd ta' setturi fl-Arabja Sawdija u madwar id-dinja, inkluż fl-ikel u fl-agrikoltura, fl-enerġija, fis-settur finanzjarju, fil-manifattura, fil-proprjetà immobbli, fil-loġistika u fis-settur diġitali,

— EA hija kumpanija globali interattiva tad-divertiment, bil-kwartieri ġenerali tagħha fl-Istati Uniti, li tiżviluppa, tikkummerċjalizza u tippubblika video games u kontenut relatat u servizzi online.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha il-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12213 — PIF / ELECTRONIC ARTS

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Ir-Reġistru tal-Fużjonijiet/Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
IL-BELĠJU/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").